2026/1998

8.9.2026

Ftehim, fl-għamla ta' skambju ta' ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

A. ***Ittra mill-Unjoni***

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur li nirreferi għall-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim PRIMA"). Il-Ftehim PRIMA ppreveda t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Ġordan fil-PRIMA. It-termini u l-kundizzjonijiet huma dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Deċiżjoni PRIMA") u dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm id-Deċiżjoni PRIMA tkun fis-seħħ. Id-Deċiżjoni PRIMA pprevediet li l-attivitajiet finali li għandhom jiġu ffinanzjati taħt Orizzont 2020, inklużi s-sejħiet finali għal proposti skont il-pjanijiet ta' ħidma annwali rilevanti kellhom jitnedew sal-31 ta' Diċembru 2024 u, f'każijiet debitament ġustifikati, sal-31 ta' Diċembru 2025. Sabiex ittawwal l-attivitajiet tagħha, id-Deċiżjoni PRIMA kellha tiġi emendata u inkorporata f'Orizzont Ewropa.

Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Deċiżjoni PRIMA emendata") fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-PRIMA taħt Orizzont Ewropa, hemm bżonn li l-Ftehim PRIMA jiġi emendat u ssupplimentat sabiex dak il-ftehim jiġi allinjat mad-Deċiżjoni PRIMA emendata sabiex il-Ġordan ikun jista' jkompli jitqies Stat Parteċipanti skont Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni PRIMA emendata. Barra minn hekk, fid-dawl tar-regoli finanzjarji l-ġodda, jeħtieġ li fil-Ftehim PRIMA jiġu integrati bis-sħiħ l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-assistenza reċiproka, konklużi skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim PRIMA, kif stabbilit f'dan il-ftehim fil-għamla ta' Skambju ta' Ittri. Għalhekk, sabiex jiġi emendat il-Ftehim PRIMA u jiġu integrati bis-sħiħ l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-assistenza reċiproka, qed jiġu proposti l-emendi li ġejjin:

1. L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Ġordan fil-PRIMA għandhom ikunu dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 u għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, b'mod partikolari billi jipprovdu l-assistenza kollha meħtieġa sabiex jiżguraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u tal-Artikolu 11(3), (3a) u (4) ta' dik id-Deċiżjoni. L-arranġamenti dettaljati għall-assistenza huma stabbiliti fl-Anness.".

2. Jiddaħħal l-Artikolu 7 li ġej:

"L-arranġamenti dettaljati għall-assistenza essenzjali għall-kooperazzjoni huma integrati bħala Anness għal dan il-Ftehim u jiffurmaw parti integrali minnu.".

([1]) Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU UE L 348, 29.12.2017, p. 29).

([2]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU UE L 185, 18.7.2017, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa (ĠU UE L, 2024/1167, 19.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1167/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li ppartecipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU UE L 185, 18.7.2017, p. 1).

3. L-Anness li ġej jinżied mal-Ftehim PRIMA:

"*ANNESS*

DWAR L-ASSISTENZA REĊIPROKA SKONT L-ARTIKOLU 2

Il-modalitajiet għall-assistenza reċiproka deskritti f'dan l-Anness jikkonċernaw b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(3), (3a) u (4) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 dwar azzjonijiet indiretti ffinanzjati skont l-Artikolu 6(1), il-punt (a), ta' dik id-Deċiżjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'azzjonijiet indiretti').

Artikolu 1

Awditi, rieżamijiet u kontrolli

1. L-awtoritajiet tal-Ġordan huma meħtieġa skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim li jipprovdu l-assistenza meħtieġa għall-awditi tan-nefqa. B'rabta ma' tali awditi, il-persunal tal-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA (Fondazzjoni PRIMA) u persuni oħra b'mandat mill-Fondazzjoni PRIMA, l-aġenti tal-Kummissjoni u persuni oħra b'mandat mill-Kummissjoni, kif ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, għandu jkollhom aċċess xieraq għal siti, xogħlijiet u dokumenti (kemm elettroniċi kif ukoll stampati) u għall-informazzjoni kollha meħtieġa, biex iwettqu awditi, rieżamijiet u kontrolli, fir-rigward tal-parteċipanti f'azzjonijiet indiretti stabbiliti fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u mar-regoli applikabbli, inkluż id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 u t-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli stabbiliti fil-ftehimiet jew fil-kuntratti ta' għotja rispettivi.

Meta l-implimentazzjoni ta' azzjoni tiġi esternalizzata jew sottodelegata, kompletament jew parzjalment, jew meta tkun teħtieġ l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist jew appoġġ finanzjarju lil parti terza, lill-persunal tal-Fondazzjoni PRIMA u lil persuni oħra b'mandat mill-Fondazzjoni PRIMA, l-aġenti tal-Kummissjoni u persuni oħra b'mandat mill-Kummissjoni, kif ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, għandhom ikunu jistgħu jwettqu awditi, rieżamijiet u kontrolli f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, fir-rigward tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

2. L-awditi, ir-rieżamijiet u l-kontrolli jistgħu jitwettqu wara d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 jew il-Ftehim jiskadi jew wara t-terminazzjoni tal-Ftehim, sakemm dan ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-PRIMA.

Artikolu 2

Investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

1. L-awtoritajiet tal-Ġordan huma meħtieġa skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim li jipprovdu l-assistenza meħtieġa għall-investigazzjonijiet mill-OLAF. F'dik il-konnessjoni, il-Kummissjoni (permess tal-OLAF) għandha tkun tista' twettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([5]) u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja, deċiżjoni dwar għotja, jew kuntratt iffinanzjat, direttament jew indirettament, f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/1167.

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU UE L 292, 15.11.1996, p. 2).

([6]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU UE L 248, 18.9.2013, p. 1).

Meta l-implimentazzjoni ta' azzjoni tiġi esternalizzata jew sottodelegata, kompletament jew parzjalment, jew meta tkun teħtieġ l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist jew appoġġ finanzjarju lil parti terza, l-OLAF għandu jkun jista' jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tiegħu, fir-rigward tal-entitajiet ġuridiċi kkonċernati stabbiliti fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

2. L-OLAF għandu jħejji u jwettaq tali kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtorità kompetenti tal-Ġordan maħtura mir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-awtorità nominata tal-Ġordan hija l-Kunsill Superjuri għax-Xjenza u t-Teknoloġija. L-OLAF għandu jinnotifika lill-awtorità maħtura fi żmien xieraq dwar l-għan, l-iskop u l-bażi legali tal-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post, sabiex ikun jista' jipprovdi kwalunkwe assistenza meħtieġa. Għal dan il-għan, il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ġordan, jistgħu jipparteċipaw fit-tali kontroll u spezzjonijiet fuq il-post.

3. Jekk l-awtorità nominata tal-Ġordan tkun tixtieq hekk, tista' twettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post flimkien mal-OLAF.

4. Jekk il-parteċipanti kkonċernati f'azzjonijiet indiretti jew entitajiet legali stabbiliti fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan jirreżistu verifika jew spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet tal-Ġordan, filwaqt li jaġixxu skont ir-regoli nazzjonali, għandhom jipprovdu lill-persunal tal-OLAF l-assistenza meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet tiegħu fuq il-post b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

5. L-OLAF jagħmel ħiltu biex jinforma lill-awtoritajiet tal-Ġordan bir-riżultat ta' tali kontrolli u spezzjonijiet.

6. L-awtoritajiet tal-Ġordan għandhom jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ([7]) sabiex dan ikun jista' jwettaq id-dmir tiegħu li jinvestiga, jipproċedi u jressaq quddiem il-qorti l-awturi tar-reati kriminali u l-kompliċi ta' dawn ir-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

Artikolu 3

Informazzjoni u konsultazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni għall-assistenza reċiproka skont il-Ftehim fuq bażi regolari, sakemm ma jkunx ipprojbit milli jagħmlu dan mir-regoli applikabbli u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, iwettqu konsultazzjonijiet.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ġordan għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u/jew lill-OLAF, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, bl-informazzjoni li jkunu saru jafu biha relatata ma' irregolaritajiet suspettati jew stabbiliti fil-konklużjoni u/jew it-twettiq tal-ftehimiet ta' għotja jew kuntratti konklużi biex jiġu implimentati azzjonijiet indiretti.

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ('l-UPPE') (ĠU UE L 283, 31.10.2017, p. 1).

Artikolu 4

Il-kunfidenzjalità

Il-partijiet għandhom jipproteġu l-informazzjoni kkomunikata jew miksuba fi kwalunkwe forma skont il-Ftehim bl-istess mod kif informazzjoni simili hija protetta mir-regoli applikabbli tagħhom. Tali informazzjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata lil persuni għajr dawk fil-Fondazzjoni PRIMA, fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fl-Istati Parteċipanti jew fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li jkunu infurmati b'dan, u tali informazzjoni ma għandhiex tintuża għal finijiet oħra ħlief biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.".

Inkun grat jekk tista' tikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħek ma' dan ta' hawn fuq. Jekk taqbel ma' din l-ittra, din tal-aħħar flimkien mat-tweġiba ta' konferma tiegħek għandha tikkostitwixxi ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim PRIMA. Dan il-ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jidħol fis-seħħ meta l-Unjoni u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri ta' approvazzjoni interni rispettivi tagħhom biex jikkonkludu dan il-ftehim.

Nitolbok taċċetta, Sinjur/Sinjura, l-assigurazzjoni tal-ogħla rispett tiegħi.

Съставено в Брюксел на седми юли две хиляди двадесет и пета година.
Hecho en Bruselas, el siete de julio de dos mil veinticinco.
V Bruselu dne sedmého července dva tisíce dvacet pět.
Udfærdiget i Bruxelles den syvende juli to tusind og femogtyve.
Geschehen zu Brüssel am siebten Juli zweitausendfünfundzwanzig.
Kahe tuhande kahekümne viienda aasta juulikuu seitsmendal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις εφτά Ιουλίου δύο χιλιάδες είκοσι πέντε.
Done at Brussels on the seventh day of July in the year two thousand and twenty-five.
Fait à Bruxelles, le sept juillet deux mille vingt-cinq.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an seachtú lá d'Iúil sa bhliain dhá mhíle fiche a cúig.
Sastavljeno u Bruxellesu sedmog srpnja godine dvije tisuće dvadeset pete.
Fatto a Bruxelles, addì sette luglio duemilaventicinque.
Briselē, divi tūkstoši divdesmit piektā gada septītajā jūlijā.
Priimta du tūkstančiai dvidešimt penktų metų liepos septintą dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonötödik év július havának hetedik napján.
Magħmul fi Brussell, fis-seba jum ta' Lulju fis-sena elfejn u ħamsa u għoxrin.
Gedaan te Brussel, zeven juli tweeduizend vijfentwintig.
Sporządzono w Brukseli dnia siódmego lipca roku dwa tysiące dwudziestego piątego.
Feito em Bruxelas, em sete de julho de dois mil e vinte e cinco.
Întocmit la Bruxelles la șapte iulie două mii douăzeci și cinci.
V Bruseli siedmeho júla dvetisícdvadsaťpäť.
V Bruslju, sedmega julija dva tisoč petindvajset.
Tehty Brysselissä seitsemäntenä päivänä heinäkuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäviisi.
Som skedde i Bryssel den sjunde juli år tjugohundratjugofem.
حرر في بروكسل بتاريخ السابع من تموز لعام ألفين وخمسه وعشرين

От името на Европейския съюз
En nombre de la Unión Europea
Za Evropskou unii
På vegne af Den Europæiske Union
Im Namen der Europäischen Union
Euroopa Liidu nimel
Εξ ονόματος της Ευρωπαϊκής Ένωσης
On behalf of the European Union
Au nom de l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
U ime Europske unije
A nome dell'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió nevében
F'isem l-Unjoni Ewropea
Namens de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Em nome da União Europeia
În numele Uniunii Europene
Za Európsku úniu
V imenu Evropske unije
Euroopan unionin puolesta
På Europeiska unionens vägnar



عن الإتحاد الأوروبي

B. ***Ittra mir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan***

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejna l-ittra tiegħek bid-data tal-lum li tgħid kif ġej:

"Għandi l-unur li nirreferi għall-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim PRIMA') ([8]). Il-Ftehim PRIMA ppreveda t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Ġordan fil-PRIMA. It-termini u l-kundizzjonijiet huma dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa id-'Deċiżjoni PRIMA') u dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm id-Deċiżjoni PRIMA tkun fis-seħħ. Id-Deċiżjoni PRIMA pprevediet li l-attivitajiet finali li għandhom jiġu ffinanzjati taħt Orizzont 2020, inklużi s-sejħiet finali għal proposti skont il-pjanijiet ta' ħidma annwali rilevanti kellhom jitnedew sal-31 ta' Diċembru 2024 u, f'każijiet debitament ġustifikati, sal-31 ta' Diċembru 2025. Sabiex ittawwal l-attivitajiet tagħha, id-Deċiżjoni PRIMA kellha tiġi emendata u inkorporata f'Orizzont Ewropa.

Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-'Deċiżjoni PRIMA emendata') fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-PRIMA taħt Orizzont Ewropa, hemm bżonn li l-Ftehim PRIMA jiġi emendat u ssupplimentat sabiex dak il-ftehim jiġi allinjat mad-Deċiżjoni PRIMA emendata sabiex il-Ġordan ikun jista' jkompli jitqies Stat Parteċipanti skont Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni PRIMA emendata. Barra minn hekk, fid-dawl tar-regoli finanzjarji l-ġodda, jeħtieġ li fil-Ftehim PRIMA jiġu integrati bis-sħiħ l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-assistenza reċiproka, konklużi skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim PRIMA, kif stabbilit f'dan il-ftehim fil-għamla ta' Skambju ta' Ittri. Għalhekk, sabiex jiġi emendat il-Ftehim PRIMA u jiġu integrati bis-sħiħ l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-assistenza reċiproka, qed jiġu proposti l-emendi li ġejjin:

1. L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'It-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Ġordan fil-PRIMA għandhom ikunu dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]). Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 u għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, b'mod partikolari billi jipprovdu l-assistenza kollha meħtieġa sabiex jiżguraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u tal-Artikolu 11(3), (3a) u (4) ta' dik id-Deċiżjoni. L-arranġamenti dettaljati għall-assistenza huma stabbiliti fl-Anness.'.

2. Jiddaħħal l-Artikolu 7 li ġej:

'L-arranġamenti dettaljati għall-assistenza essenzjali għall-kooperazzjoni huma integrati bħala Anness għal dan il-Ftehim u jiffurmaw parti integrali minnu.'.

([8]) Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU UE L 348, 29.12.2017, p. 29).

([9]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU UE L 185, 18.7.2017, p. 1).

([10]) Id-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa (ĠU UE L, 2024/1167, 19.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1167/oj).

([11]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li ppartеċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU UE L 185, 18.7.2017, p. 1).

3. L-Anness li ġej jinżied mal-Ftehim PRIMA:

'ANNESS

DWAR L-ASSISTENZA REĊIPROKA SKONT L-ARTIKOLU 2

Il-modalitajiet għall-assistenza reċiproka deskritti f'dan l-Anness jikkonċernaw b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(3), (3a) u (4) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 dwar azzjonijiet indiretti ffinanzjati skont l-Artikolu 6(1), il-punt (a), ta' dik id-Deċiżjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "azzjonijiet indiretti").

Artikolu 1

Awditi, rieżamijiet u kontrolli

1. L-awtoritajiet tal-Ġordan huma meħtieġa skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim li jipprovdu l-assistenza meħtieġa għall-awditi tan-nefqa. B'rabta ma' tali awditi, il-persunal tal-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA (Fondazzjoni PRIMA) u persuni oħra b'mandat mill-Fondazzjoni PRIMA, l-aġenti tal-Kummissjoni u persuni oħra b'mandat mill-Kummissjoni, kif ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, għandu jkollhom aċċess xieraq għal siti, xogħlijiet u dokumenti (kemm elettroniċi kif ukoll stampati) u għall-informazzjoni kollha meħtieġa, biex iwettqu awditi, rieżamijiet u kontrolli, fir-rigward tal-parteċipanti f'azzjonijiet indiretti stabbiliti fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u mar-regoli applikabbli, inkluż id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 u t-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli stabbiliti fil-ftehimiet jew fil-kuntratti ta' għotja rispettivi.

Meta l-implimentazzjoni ta' azzjoni tiġi esternalizzata jew sottodelegata, kompletament jew parzjalment, jew meta tkun teħtieġ l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist jew appoġġ finanzjarju lil parti terza, lill-persunal tal-Fondazzjoni PRIMA u lil persuni oħra b'mandat mill-Fondazzjoni PRIMA, l-aġenti tal-Kummissjoni u persuni oħra b'mandat mill-Kummissjoni, kif ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, għandhom ikunu jistgħu jwettqu awditi, rieżamijiet u kontrolli f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, fir-rigward tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

2. L-awditi, ir-rieżamijiet u l-kontrolli jistgħu jitwettqu wara d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 jew il-Ftehim jiskadi jew wara t-terminazzjoni tal-Ftehim, sakemm dan ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-PRIMA.

Artikolu 2

Investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

1. L-awtoritajiet tal-Ġordan huma meħtieġa skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim li jipprovdu l-assistenza meħtieġa għall-investigazzjonijiet mill-OLAF. F'dik il-konnessjoni, il-Kummissjoni (permezz tal-OLAF) għandha tkun tista' twettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([12]) u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]), bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni dwar għotja jew kuntratt iffinanzjat, direttament jew indirettament, f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/1167.

([12]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU UE L 292, 15.11.1996, p. 2).

([13]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU UE L 248, 18.9.2013, p. 1).

Meta l-implimentazzjoni ta' azzjoni tiġi esternalizzata jew sottodelegata, kompletament jew parzjalment, jew meta tkun teħtieġ l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist jew appoġġ finanzjarju lil parti terza, l-OLAF għandu jkun jista' jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tiegħu, fir-rigward tal-entitajiet ġuridiċi kkonċernati stabbiliti fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

2. L-OLAF għandu jħejji u jwettaq tali kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtorità kompetenti tal-Ġordan maħtura mir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-awtorità nominata tal-Ġordan hija l-Kunsill Superjuri għax-Xjenza u t-Teknoloġija. L-OLAF għandu jinnotifika lill-awtorità maħtura fi żmien xieraq dwar l-għan, l-iskop u l-bażi legali tal-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post, sabiex ikun jista' jipprovdi kwalunkwe assistenza meħtieġa. Għal dan il-għan, il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ġordan, jistgħu jipparteċipaw fit-tali kontroll u spezzjonijiet fuq il-post.

3. Jekk l-awtorità nominata tal-Ġordan tkun tixtieq hekk, tista' twettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post flimkien mal-OLAF.

4. Jekk il-parteċipanti kkonċernati f'azzjonijiet indiretti jew entitajiet legali stabbiliti fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan jirreżistu verifika jew spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet tal-Ġordan, filwaqt li jaġixxu skont ir-regoli nazzjonali, għandhom jipprovdi lill-persunal tal-OLAF l-assistenza meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet tiegħu fuq il-post b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

5. L-OLAF jagħmel ħiltu biex jinforma lill-awtoritajiet tal-Ġordan bir-riżultat ta' tali kontrolli u spezzjonijiet.

6. L-awtoritajiet tal-Ġordan għandhom jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ([14]) sabiex dan ikun jista' jwettaq id-dmir tiegħu li jinvestiga, jipproċedi u jressaq quddiem il-qorti l-awturi tar-reati kriminali u l-kompliċi ta' dawn ir-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

Artikolu 3

Informazzjoni u konsultazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni għall-assistenza reċiproka skont il-Ftehim fuq bażi regolari, sakemm ma jkunx ipprojbit milli jagħmlu dan mir-regoli applikabbli u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, iwettqu konsultazzjonijiet.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ġordan għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u/jew lill-OLAF, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, bl-informazzjoni li jkunu saru jafu biha relatata ma' irregolaritajiet suspettati jew stabbiliti fil-konklużjoni u/jew it-twettiq tal-ftehimiet ta' għotja jew kuntratti konklużi biex jiġu implimentati azzjonijiet indiretti.

([14]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU UE L 283 31.10.2017, p. 1).

Artikolu 4

Il-kunfidenzjalità

Il-partijiet għandhom jipproteġu l-informazzjoni kkomunikata jew miksuba fi kwalunkwe forma skont il-Ftehim bl-istess mod kif informazzjoni simili hija protetta mir-regoli applikabbli tagħhom. Tali informazzjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata lil persuni għajr dawk fil-Fondazzjoni PRIMA, fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fl-Istati Parteċipanti jew fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li jkunu infurmati bihom, u tali informazzjoni ma għandhiex tintuża għal finijiet oħra ħlief biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.'.

Inkun grat jekk tista' tikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħek ma' dan ta' hawn fuq. Jekk taqbel ma' din l-ittra, din tal-aħħar flimkien mat-tweġiba ta' konferma tiegħek għandha tikkostitwixxi ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim PRIMA. Dan il-ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jidħol fis-seħħ meta l-Unjoni u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri ta' approvazzjoni interni rispettivi tagħhom biex jikkonkludu dan il-ftehim.".

Għandi l-unur nikkonferma li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut tal-ittra tiegħek u li l-ittra mill-Unjoni u din l-ittra mir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan jikkostitwixxu ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim PRIMA skont il-proposta tiegħek.

Nitolbok taċċetta, Sinjur/Sinjura, l-assigurazzjoni tal-ogħla rispett tiegħi.

حرر في بروكسل بتاريخ السابع من تموز لعام ألفين وخمسه وعشرين
Съставено в Брюксел на седми юли две хиляди двадесет и пета година.
Hecho en Bruselas, el siete de julio de dos mil veinticinco.
V Bruselu dne sedmého července dva tisíce dvacet pět.
Udfærdiget i Bruxelles den syvende juli to tusind og femogtyve.
Geschehen zu Brüssel am siebten Juli zweitausendfünfundzwanzig.
Kahe tuhande kahekümne viienda aasta juulikuu seitsmendal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις εφτά Ιουλίου δύο χιλιάδες είκοσι πέντε.
Done at Brussels on the seventh day of July in the year two thousand and twenty five.
Fait à Bruxelles, le sept juillet deux mille vingt-cinq.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an seachtú lá d'Iúil sa bhliain dhá mhíle fiche a cúig.
Sastavljeno u Bruxellesu sedmog srpnja godine dvije tisuće dvadeset pete.
Fatto a Bruxelles, addì sette luglio duemilaventicinque.
Briselē, divi tūkstoši divdesmit piektā gada septītajā jūlijā.
Priimta du tūkstančiai dvidešimt penktų metų liepos septintą dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonötödik év július havának hetedik napján.
Magħmul fi Brussell, fis-seba jum ta' Lulju fis-sena elfejn u ħamsa u għoxrin.
Gedaan te Brussel, zeven juli tweeduizend vijfentwintig.
Sporządzono w Brukseli dnia siódmego lipca roku dwa tysiące dwudziestego piątego.
Feito em Bruxelas, em sete de julho de dois mil e vinte e cinco.
Întocmit la Bruxelles la șapte iulie două mii douăzeci și cinci.
V Bruseli siedmeho júla dvetisícdvadsaťpäť.
V Bruslju, sedmega julija dva tisoč petindvajset.
Tehty Brysselissä seitsemäntenä päivänä heinäkuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäviisi.

عن المملكة الأردنية الهاشمية
За Хашемитско кралство Йордания
Por el Reino Hachemí de Jordania
Za Jordánské hášimovské království
For Det Hashemitiske Kongerige Jordan
Für das Haschemitische Königreich Jordanien
Jordaania Hašimiidi Kuningriigi nimel
Για το Χασεμιτικό Βασίλειο της Ιορδανίας
For the Hashemite Kingdom of Jordan
Pour le Royaume hachémite de Jordanie
Thar ceann Ríocht Haisimíteach na hIordáine
Za Hašemitsku Kraljevinu Jordan
Per il Regno hascemita di Giordania
Jordānijas Hāšimītu Karalistes vārdā –
Jordanijos Hašimitų Karalystės vardu
a Jordán Hásimita Királyság részéről
Għar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan
Voor het Hasjemitisch Koninkrijk Jordanië
W imieniu Jordańskiego Królestwa Haszymidzkiego
Pelo Reino Haxemita da Jordânia
Pentru Regatul Hașemit al Iordaniei
Za Jordánske hášimovské kráľovstvo
Za Hašemitsko kraljevino Jordanijo
Jordanian hašemiittisen kuningaskunnan puolesta
På Hashimitiska konungarikets vägnar